# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-25 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 849/2015 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs.**

**Christopher Zarb**
**K.I. numru 38767 (M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi b'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat it-28 ta' Marzu, 2011, *in atti* tan-Nutar Dottor Joanne Spiteri, (ara foll 3 *et sequitur*), l-intimat iddikjara ruhu veru, cert u likwidu debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta'

tlett mija u hamsa u ghoxrin elf, mitejn u sitta u hamsin Ewro u disgha u disghin centezmu, (€325,256.99), flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri dovuti sa' l-effettiv pagament;

1.2. Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt in dizamina seta` jigi ezegwit;

1.3. Illi d-debitu ta' l-intimat ghadu ma thallasx u ghalhekk is-socjeta` attrici kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna;

1.4. Illi d-debitu ta' l-intimat jammonta ghal mija u disgha u hamsin elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€159,646.26), flimkien ma' l-ispejjez u l-imghaxijiet ulterjuri dovuti mit-28 ta' Mejju, 2015, sad-data tal-pagament effettiv, (ara foll 8);

1.5. Illi in vista ta' l-istess titlob li din il-qorti:

1.5.1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tezegwixxi l-kuntratt fuq riferit datat it-28 ta' Marzu, 2011, *in atti* tan-Nutar Dottor Joanne Spiteri, fl-ismijiet premessi;

1.5.2. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess rikors guramentat promotur;

3. Stabbilit li l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz relattiv ghas-smigh, (ara foll 16);

4. Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti tikkonferma l-fatti kollha indikati fl-istess rikors, liema fatti ma' nbidlux sad-data *de quo*;

Ikkunsidrat:

5. Illi *nonostante* d-dritt statutorju moghti fl-artiklu 170(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat xorta naqas li jaghmel sottomissjonijiet biex jattakka l-procediment intavolat mis-socjeta` rikorrenti fit-termini ta' l-istess artiklu hawn riferit;

6.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

6.1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tezegwixxi l-kuntratt fuq riferit datat it-28 ta' Marzu, 2011, *in atti* tan-Nutar Dottor Joanne Spiteri, fl-ismijiet premessi;

6.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**